| *Kap 2: Il-Bibbja* |
|---|
| **Lezzjoni 2.1 – L-Istorja tas-Salvazzjoni** |
| **Il-*Keywords*** |
| Djarju, Bibbja |
| **L-Għanijiet:** |
| L-istudenti<br>▪ jitgħallmu kif il-Bibbja għandna ngħożżuha bħalma ngħożżu albums jew djarji tal-familji tagħna. |
| **Ir-Riżorsi:** |
| ▪ Recording tal-iscript dwar in-nannu ta' Fabian.<br>▪ Instant photo albums (li għandek issibu fir-riżorsi pprovduti).<br>▪ *The ABC Bible Song* version (li għandek issibu fir-riżorsi pprovduti).<br>▪ *Il-Ktieb tal-Attivita 2.1*<br>▪ *Il-Bibbja.* |
| **Il-Proċess:** |
| Biex tippreżenta din il-lezzjoni:<br>▪ Semma lill-istudenti l-istorja rrekordjata li għandek l-iscript tagħha fir-riżorsi.<br>▪ Ibda dan il-kapitlu billi mill-ġurnata ta' qabel titlob lill-istudenti jġibu xi albums tar-ritratti tagħhom jew tal-familja tagħhom u xi djarju.<br>▪ Uri lill-istudenti dan il-video ta' introduzzjoni: **Instant Photo Albums.**<br>▪ Staqsi mistoqsijiet lill-istudenti dwar l-importanza ta' dawn l-albums u d-djarji, bħal: Xi jfissru għalihom? X'juru? (Qabbel mal-video tal-introduzzjoni). Għaliex niktbu d-djarju?<br>▪ Semmi l-istejjer mill-Bibbja, l-aktar importanti u li huma ħfief biex jifhmuhom l-istudenti. Eżempji: Il-Ħolqien – Adam u Eva – Abraham (Tkun diġà semmejtu fl-ewwel *unit*) – Mosè – il-Profeti (forsi ssemmi lil Samwel biex imbagħad toħroġ l-istorja ta' David) - Il-Profeta Iżaija biex imbagħad issemmi t-Twelid ta' Ġesù – il-Mirakli ta' Ġesù – il-Mewt ta' Ġesù – il-Qawmien mill-Mewt – it-Tlugħ fis-Sema – l-inżul tal-Ispirtu Santu – it-Tixrid tal-Evanġelju mill-Appostli.<br>▪ Wassal lill-istudenti biex jifhmu li l-Bibbja hija djarju li għandna ngħożżuh. Fl-ewwel *unit* ġie maħluq *timeline* li bis-saħħa tiegħu rajna li hemm il-pjan ta' Alla li qed jiġi żviluppat u ser jibqa' jiġi zviluppat sal-aħħar tad-dinja. Din it-*timeline* turina l-pjan li fassal Alla li permezz tiegħu wasal Kristu fid-dinja. Din hi l-istorja tas-salvazzjoni li l- |

pjan tagħha għenna niżviluppaw u niskopru l-pjan ta' mħabba li Alla għandu għalina llum ukoll.

- Uri din id-diska dwar il-Bibbja lit-tfal: **The ABC Bible Song Version.**

- Spjega lill-istudenti l-attività 2.1 fi *Il-Ktieb tal-Attivitajiet* billi tgħinhom jużaw il-Bibbja biex isibu t-tweġibiet. Hawnhekk tista' ssir diskussjoni bħala klassi u wara jsir qsim ta' ideat. Ir-risposti huma dawn:

    - żewġ taqsimiet
    - it-Testment il-Qadim
    - 73 ktieb
    - 4 Evanġelji
    - erba' Evanġelisti – San Mattew, San Mark, San Luqa, San Ġwann
    - 21 ittra
    - San Pawl, San Pietru, San Ġuda, San Ġakbu, San Ġwann
    - inkitbu lil diversi nies u lil diversi komunitajiet li kienu jkunu għadhom kif saru Insara.
    - Fit-Testment il-Qadim insibu l-istorja ta' kif Alla mexxa l-bniedem permezz tal-Poplu Lhudi, x'għamel għalih, lil min bagħat biex jgħinu sa ma wasal il-Messija.
    - It-testment il-Ġdid jurina t-twelid, il-ħajja, il-mewt u l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù, kif ukoll il-bidu tal-Knisja.
    - It-Testment il-Ġdid hu l-aktar importanti għax juri kif Ġesù għex ħajtu u tana mudell ta' kif għandna ngħixu aħna wkoll biex naslu li mmorru l-ġenna.

- Wara aħdem AĦSEB U AĦDEM b'mod individwali u jiġi diskuss dak li jkun inkiteb. Hawnhekk tajjeb li tenfasizza l-punt li Alla wera imħabba kbira lejn il-bniedem permezz tal-Bibbja. Ikun għaqal jekk aħna nwasslu din l-imħabba permezz tal-kliem u x-xhieda tagħna lejn l-oħrajn. Ikun x'ikun il-vers li jittieħed mill-istudenti, irid joħroġ il-fatt importanti li kull vers qiegħed hemm biex juri u jgħallimna xi ħaġa ta' ġid għalina.

__Script tar-Recording__

Fabian dejjem kellu kurżita' kif kien jidher in-nannu tiegħu meta kien għadu żgħir. In-nannu Karm mhux minn dejjem kellu xagħru abjad u mhux minn dejjem kien jimxi bil-bastun. Din il-biċċa kienet tqanqallukurżita' kbira. Darba iddeċieda li jistaqsih.

"Mur ġib l-album tar-ritratti mis-senduq," qallu n-nannu. Fabian lanqas tah ċans jispiċċa li ma kienx diġa mar fis-senduq u ġie lura b'xi ħames albums ħoxnin. Fetħu l-ewwel album u sabu ritratti tal-buż nannu (missier in-nannu). Fit-tieni album kien hemm ritratti ta' meta n-nannu kien għadu tifel u baqgħu sejrin hekk sakemm wasslu fir-ritratti tal-griżma ta' ħu Fabian, li kienet għadha kif saret fi tmiem il-ġimgħa ta' qabel.

"Nann, kemm huma importanti għalik dawn l-albums?" staqsa Fabian. "Fabian, f'dawn l-albums hawn l-istorja ta' ħajti. Anzi, hemm l-istorja ta' qabel ma bdejt neżisti jien. Allaħares nitlef dawn ir-ritratti."

"Nann, għandek ħames albums ħoxnin, hemm l-istorja ta' ħajtek u anki ta' qabel ... taf fiex qed tfakkarni?! Fil-Bibbja?!" qal Fabian. In-nannu Karm ma setax jifhem x'kien qed jgħid neputih u Fabian induna mill-ħarsa ta' għajnejn nannuh. "Nann, il-Bibbja magħmulha minn ħafna kotba ħoxnin u fiha rrakkonti ta' qabel ma twieled Ġesù, meta twieled u anki wara li miet!"

In-nannu baqa' mbellah b'dan il-paragun li kien għadu kif għamel Fabian. Iżda kellu jammetti li veru jagħmel sens. Iżda issa beda jinkwieta! Tgħid wara li jmut hu ikomplu jimlew dawn l-albums bħal ma komplew jiktbu l-Bibbja wara l-qawmien ta' Ġesù?!

# *Kap 2: Il-Bibbja*

## Lezzjoni 2.2 – It-Tqassim fil-Bibbja

**Il-*Keywords***

Storja tal-Bibbja

**L-Għanijiet**

L-istudenti

- jitgħallmu ftit dwar l-istorja ta' kif inkitbet il-Bibbja..

**Ir-Riżorsi**

- L-informazzjoni pprovduta
- Il-*powerpoint* li taħdem jew xi youtube li ssib
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet. 2.2*
- *Il-Bibbja*

**Il-Proċess**

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Introduċi l-lezzjoni billi tistaqsi lill-istudenti x'jifhmu bil-frażi: Storja tal-bibbja. Din għandha tintwera fuq il-*board*. Hawnhekk għandu jsir *brain storming exercise*. Xi ideat jistgħu jkunu dawn: ġrajjiet – popli – Alla jitkellem – gwida – ferħ – tbatija – profeti.

- Agħti spjega tal-informzzjoni pprovduta biex joħroġ il-fatt li l-istorja tal-Bibbja hi differenti minn stejjer oħra li nafu.

- Uza l-informazzjoni (ipprovduta) dwar -l-Bibbja jew fittex aktar inti. Faċli ssib fuq l-internet billi tikteb '*Bible Interesting Facts'* fuq il-linja tas-*Search Engine*.

- Ħeġġeġ lill-istudenti biex huma jfittxu wkoll.

- Aqra s-silta minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.2* u fi gruppi, l-istudenti jimlew il-vojt bil-kliem ipprovdut. Wara jiġi diskuss u wieħed jara li l-kliem qiegħed fil-post it-tajjeb. It-tweġibiet huma: *messaġġ* (mogħtija) – ittri – Qadim – Ġdid – qabel – twelid – kittieba – Ispirtu s-Santu – ktieb.

- Spjega l-Attivita: Kont taf li?

- Aqra: AĦDEM U AĦSEB li jista' jinħadem bħala klassi. Ir-risposti huma dawn: 1. Fil-bidu, 2. Ammen; 3. Is-Salmi; 4. In-nagħġa.

- Fl-aħħar tal-lezzjoni fakkar li bħal kull ħaġa oħra, hemm il-bżonn li aħna bħala Nsara għandna nkunu nafu kemm nistgħu mill-Bibbja. Din mhux biss biex inkunu nafu l-istorja ta' kif imxew l-affarijiet, imma l-aktar importanti biex inkunu nafu kif għandna nġibu ruħna f'ċirkustanzi differenti f'ħajjitna.

- Spiċċa din il-lezzjoni b'talba addattata, preferibbilment li toħroġ mill-istudnti stess.

---

Hawnhekk għandek aktar informazzjoni dwar l-istorja ta' kif inkitbet il-Bibbja. Din hi meħuda minn www.tarxienparish.org :

- Din il-librerija jew sensiela ta' kotba, miktuba fi żminijiet differenti u minn persuni differenti ħadet sekli sħaħ biex inġabret. Skond l-istudjużi, il-Bibbja bdiet tinġabar għall-ħabta tas-sena 850qK u ntemmet lejn is-snin 100-110 wK – kważi elfejn sena. (qK tfisser qabel Kristu u wK tfisser wara Kristu)

- Għalhekk, il-Bibbja ma tirriflettix l-ideat u l-mentalitá ta' awtur wieħed jew ġenerazzjoni waħda, imma l-istorja ta' poplu sħiħ fuq medda twila ta' snin.

- Fil-Bibbja nsibu mfissra l-avventura spiritwali ta' poplu mill-bidu nett tiegħu, meta kien għadu ftit familji jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn biex igħixu sal-mument meta l-esperjenza spiritwali tiegħu ġiet miftuħa għall-popli ta' kull razza u kultura.

- Imma l-Bibbja hija aktar minn hekk. Fl-Iskrittura Alla tkellem permezz ta' bnedmin u bi kliem il-bnedmin. Għalhekk il-Bibbja nistgħu ngħidu li hi "Kelmet Alla f'Kitbiet il-Bniedem".

- Il-Bibbja hija l-Kelma ta' Alla, mhux biss għaliex hija ispirata, imma wkoll għaliex tirrakkonta t-tentattivi ta' djalogu li għamel Alla matul l-istorja tal-Poplu Lhudi.

- Il-Bibbja hija għalhekk frott tal-inizjattiva ta' Alla biex jibni dan id-djalogu kif ukoll ir-risposta tal-bniedem għal dawn l-inizjattivi ta' Alla.

- Inkitbet f'kuntest soċjali, politiku u reliġjuż u għalhekk ma nistgħux nifirduha mill-istorja soċjali, politika u reliġjuża ta' dan il-Poplu. Madankollu l-Bibbja mhix xi ktieb ta' storja għax l-istorja li toffri hi l-Istorja tas-Salvazzjoni.

- Il-post fejn inkitbu dawn il-kotba ma kienx dejjem l-istess. Uħud inkitbu fil-Palestina. Oħrajn fl-artijiet tal-qrib, tas-Sirja, l-Eġittu jew anke l-Iraq. Oħrajn inkitbu fil-Greċja jew f'Ruma.

- Il-biċċa l-kbira tal-kotba tal-Antik Testment inkitbu bl-ilsien Lhudi (jewEbrajk) Klassiku. Iżda sa żmien Kristu dan l-ilsien ma kienx għadu mitkellem għaliex il-Poplu Lhudi ta' żmien Ġesù kien jitkellem l-Aramajk. Madankollu hemm xi kotba li kienu inkitbu mill-ewwel bl-Aramajk.

- Minn żmien qadim bdew isiru xi traduzzjonijiet tal-Bibbja Lhudija, kemm bl-Aramajk kif ukoll bil-Grieg. Ġara li wħud mill-kotba oriġinali ntilfu u baqa' biss it-traduzzjoni tagħhom bil-Grieg.

- Mis-seklu dsatax 'il quddiem sar ħafna tiftix għal manuskritti qodma u nstabu xi biċċiet minnhom li kienu ilhom mitlufa mijiet ta' snin.

- Jidher li xi kittieba tal-Kotba Mqaddsa, waqt li kienu jiktbu nqdew b'dokumenti jew tradizzjonijiet orali li kienu diġà jeżistu u daħħluhom fil-ktieb tagħhom.

- Waħda mill-eqdem traduzzjonijiet tat-Testment il-Qadim hija bil-Grieg – imsejħa is-**Septwaġint** li tfisser tat-Tnejn u Sebgħin. Dan għaliex skond xi dokumenti antiki din it-traduzzjoni kienet saret minn 72 studjuż.

- Traduzzjoni antika oħra li l-Knisja minn dejjem tatha ħafna importanza u għal żmien twil qisitha bħala l-verżjoni uffiċċjali tagħha hija dik li għamel San Ġlormu bil-Latin. Bdieha madwar is-sena 386 wK fuq talba tal-Papa Damasu. Din insejħulha l-**Vulgata** mill-kelma Latina – divulgare - li tfisser tirrivela (bl-Ingliż *divulge*).

**Ftit aktar informazzjoni dwar id-'DeadSeaScrolls', biex l-għalliem ikollu aktar informazzjoni għalih innifsu u jekk ikun irid, x'jgħaddi lill-istudenti. Din hi informazzjoni addizzjonali li l-għalliem jista' ma jgħaddi xejn minnha lill-istudenti. Hi meħuda minn http://www.centuryone.com/25dssfacts.html**

- The Dead Sea Scrolls were discovered in eleven caves along the northwest shore of the Dead Sea between the years 1947 and 1956. The area is 13 miles east of Jerusalem and is 1300 feet below sea level. The mostly fragmented texts are numbered according to the cave that they came out of. They have been called the greatest manuscript discovery of modern times.

- Only Caves 1 and 11 have produced relatively intact manuscripts. Discovered in 1952, Cave 4 produced the largest find. About 15,000 fragments from more than 500 manuscripts were found.

- In all, scholars have identified the remains of about 825 to 870 separate scrolls.

- The Scrolls can be divided into two categories—biblical and non-biblical. Fragments of every book of the Hebrew canon (Old Testament) have been discovered except for the book of Esther.

- There are now identified among the scrolls, 19 copies of the Book of Isaiah, 25 copies of Deuteronomy and 30 copies of the Psalms.
- Prophecies by Ezekiel, Jeremiah and Daniel not found in the Bible are written in the Scrolls.
- The Isaiah Scroll, found relatively intact, is 1000 years older than any previously known copy of Isaiah. In fact, the scrolls are the oldest group of Old Testament manuscripts ever found.
- In the Scrolls are found never before seen psalms attributed to King David and Joshua.
- There are nonbiblical writings along the order of commentaries on the Old Testament, paraphrases that expand on the Law, rule books of the community, war conduct, thanksgiving psalms, hymnic compositions, benedictions, liturgical texts, and sapiential (wisdom) writings.
- The Scrolls are for the most part, written in Hebrew, but there are many written in Aramaic. Aramaic was the common language of the Jews of Palestine for the last two centuries B.C. and of the first two centuries A.D. The discovery of the Scrolls has greatly enhanced our knowledge of these two languages. In addition, there are a few texts written in Greek.
- The Scrolls appear to be the library of a Jewish sect. The library was hidden away in caves around the outbreak of the First Jewish Revolt (A.D. 66-70) as the Roman army advanced against the rebel Jews.
- Near the caves are the ancient ruins of Qumran. They were excavated in the early 1950's and appear to be connected with the scrolls.
- The Dead Sea Scrolls were most likely written by the Essenes during the period from about 200 B.C. to 68 C.E./A.D. The Essenes are mentioned by Josephus and in a few other sources, but not in the New Testament. The Essenes were a strict Torah observant, Messianic, apocalyptic, baptist, wilderness, new covenant Jewish sect. They were led by a priest they called the "Teacher of Righteousness," who was opposed and possibly killed by the establishment priesthood in Jerusalem.

- The enemies of the Qumran community were called the "Sons of Darkness"; they called themselves the "Sons of Light," "the poor," and members of "the Way." They thought of themselves as "the holy ones," who lived in "the house of holiness," because "the Holy Spirit" dwelt with them.
- The last words of Joseph, Judah, Levi, Naphtali, and Amram (the father of Moses) are written down in the Scrolls.
- One of the most curious scrolls is the Copper Scroll. Discovered in Cave 3, this scroll records a list of 64 underground hiding places throughout the land of Israel. The deposits are to contain certain amounts of gold, silver, aromatics, and manuscripts. These are believed to be treasures from the Temple at Jerusalem that were hidden away for safekeeping.
- The Temple Scroll, found in Cave 11, is the longest scroll. Its present total length is 26.7 feet (8.148 meters). The overall length of the scroll must have been over 28 feet (8.75m).
- The scrolls contain previously unknown stories about biblical figures such as Enoch, Abraham, and Noah. The story of Abraham includes an explanation why God asked Abraham to sacrifice his only son Isaac.
- The scrolls are most commonly made of animal skins, but also papyrus and one of copper. They are written with a carbon-based ink, from right to left, using no punctuation except for an occasional paragraph indentation. In fact, in some cases, there are not even spaces between the words.
- The Scrolls have revolutionized textual criticism of the Old Testament. Interestingly, now with manuscripts predating the medieval period, we find these texts in substantial agreement with the Masoretic text as well as widely variant forms.
- Some of the Dead Sea Scrolls actually appeared for sale on June 1, 1954 in the Wall Street Journal. The advertisement read — "The Four Dead Sea Scrolls: Biblical manuscripts dating back to at least 200 BC are for sale. This would be an ideal gift to an educational or religious institution by an individual or group. Box F206."
- Although the Qumran community existed during the time of the ministry of Jesus, none of the Scrolls refer to Him, nor do they mention any of His follower's described in the New Testament.
- The major intact texts, from Caves 1 & 11, were published by the late fifties and are now housed in the Shrine of the Book museum in Jerusalem.
- Since the late fifties, about 40% of the Scrolls, mostly fragments from Cave 4, remained unpublished and were inaccessible. It wasn't until 1991, 44 years after the discovery of the first Scroll, after the pressure for publication mounted, that general access was made available to photographs of the Scrolls. In November of 1991 the photos were published by the Biblical Archaeological Society in a nonofficial edition; a computer reconstruction, based on a concordance, was announced; the Huntington Library pledged to open their microfilm files of all the scroll photographs.
- The Dead Sea Scrolls enhance our knowledge of both Judaism and Christianity. They represent a non-rabbinic form of Judaism and provide a wealth of comparative material for New Testament scholars, including many important parallels to the Jesus movement. They show Christianity to be rooted in Judaism and have been called the evolutionary link between the two.

## *Kap 2: Il-Bibbja*

### Lezzjoni 2.3 – Il-messaġġ t'Alla għalina

### Il-*Keywords*

Storja

### L-Għanijiet

L-istudenti

- F'din il-lezzjoni it-tfal jitgħallmu kif it-Testment il-Qadim huwa l-Ktieb tal-Istorja tal-Poplu t'Alla, li minnu ħareġ it-Testment il-Ġdid li huwa l-Ktieb tal-bidu tal-istorja tal-Insara.

### Ir-Riżorsi

- *Timeline* tal-Istorja ta' Malta.
- Vidjows – *Old Testament Bible in 60 Seconds* u *New Testament Bible in 60 seconds.*
- Vidjows – *Bible BookBop* u *Books of the Bible Song.*
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.3*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Ibda billi toħloq diskussjoni bil-mistoqsija, 'Għaliex għandna l-kotba tal-istorja?'. Xi risposti jistgħu jkunu: jgħinuna nkunu nafu kif kienu jgħixu n-nies fi żminijiet differenti– x'kienu jagħmlu – juruna x'għandna nagħmlu biex inkomplu mexjin aħna wkoll (fost l-oħrajn).

- Wassal lill-istudenti biex jifhmu li l-Bibbja tixbah ukoll lill-ktieb tal-istorja ta' Malta jew ta' kwalunkwe pajjiż ieħor minħabba l-ġrajjiet li tirrakkonta. Xi mistoqsijiet oħra li jistgħu jgħinu fid-diskussjoni huma : X'valur għandhom għalina l-kotba tal-istorja? Għaliex ngħożżuhom dawn il-kotba? X'jiġri jekk ma jibqgħux jeżistu? Xi risposti jistgħu jkunu: tinqata' l-linja ma' ta' qabilna u ma nibqgħux familja waħda - ma nkunux nafu kif nistgħu ntejbu ħajjitna la ma jkollniex fiex sabu diffikultà ta' qabilna.

- Wassal lill-istudenti jif hmu li l-istejjer kollha li Malta għaddiet minnhom għenu biex bnew lil Malta u lill-Maltin f'pajjiż u f'poplu li għandna llum. Minn hawn għandu joħroġ il-fatt tal-importanza u l-għożża tal-istorja.

- Irreferi għat-*timeline* li jkun inħoloq fl-ewwel *unit* dwar l-istorja ta' Malta.

- Uri dawn iż-żewġ vidjows dwar il-Bibbja: *Old Testament Bible in 60 Seconds* u *New Testament Bible in 60 seconds* (issibhom fir-riżorsi).

- Spjega li l-Bibbja huwa l-ktieb tal-istorja ta' kif Alla, matul iż-żminijiet, wera lilu nnifsu lill-bniedem – beda billi wera lilu nnifsu lill-Poplu ta' Iżrael u kompla billi wera lilu nnifsu fil-Persuna ta' Ibnu stess – Ġesù Kristu.

- Importanti tiftakar li ħa ssir referenza għal-lezzjoni tal-Ewwel *unit* imma għandha tiżvolġi u tkun iffukata fuq il-Bibbja.

- Uri wieħed mill-vidjows: *Bible BookBop* jew *Books of the Bible Song*.

- Aqra minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.3* u spjega fi kliemek l-istorja ta' Abram - Ġenesi Kap 12 - u ssir diskussjoni dwar dan il-bniedem kbir.

- Oħroġ dawn il-punti:
  - Abram emmen li Alla kien Dak li kapaċi jisma' u jagħti dak li l-bniedem ikollu bżonn
  - ħalla kollox biex imur fejn qallu Alla, allavolja dan kien ifisser li kellu jħalli fejn twieled u għex,
  - li tant kellu fidi f'Alla, li kien lest li joffri lil ibnu b'sagrifiċċju,
  - li dejjem ittama li Alla kien ser jagħtih dak li wiegħdu.

- Enfasizza l-fatt li għandna jkollna l-fiduċja f'Alla u nuru din il-fiduċja fl-oħrajn.

- Għall-attività AĦSEB u AĦDEM, l-istudenti jiġu mħeġġa jsibu Salm 149. Dan is-salm jista' jiġi pproġettat jew l-istudenti jkollhom kopja tiegħu. Wara jaqsmu l-ħsibijiet ma' sħabhom. Uri li dan is-salm jurina b'mod sabiħ kif Alla hu dejjem magħna inkunu fejn inkunu u li allura għandna nħossuna certi li qatt m'aħna weħidna.

- Enfasizza l-punt li fl-istorja tas-salvazzjoni naraw biċ-ċar il-fiduċja li għandu jkollna f'Alla u li wkoll irridu nuru din il-fiduċja fl-oħrajn. Biex naslu nagħmlu dan irridu niftakru kif hemm fis-salm 149, li Alla hu dejjem magħna u allura ser jgħinna żgur.

## *Kap 2: Il-Bibbja*

### Lezzjoni 2.4 – X'qed jgħidilna Alla

### Il-*Keywords*

Bibbja, il-Kelma t'Alla

### L-Għanijiet

L-istudenti

- jiffamiljarizzaw ruħhom mal-istejjer tal-Bibbja.

### Ir-Riżorsi

- *Power-point presentation* (ipprovduta).
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.4*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Fakkar lill-istudenti fil-punti prinċipali tal-lezzjoni ta' qabel:
    - il-fiduċja f'Alla,
    - li Alla qiegħed magħna l-ħin kollu,
    - l-imħabba t'Alla għalina.
- Mill-ġurnata ta' qabel, ħajjar lill-istudenti jġibu l-Bibbja tagħhom.
- Aqra s-silta li hemm fil-Ktieb tal-Attivitajiet 2.4 u spjega din is-silta
- *Il-Power Point* li hi pprovduta tista' jew issir fil-forma ta' kwiżż jew tiġi diskussa mal-istudenti. Din tagħti reviżjoni tal-lezzjoni. L-attivita' A tista' ssir fuq bażi ta' klassi ħalli tinħoloq diskussjoni u jkun hemm qsim ta' ideat. Ir-risposti huma:
    1. Id-dawl;
    2. Fit-tielet jum;
    3. Iżakk;
    4. Mosè;
    5. La toqtolx;
    6. Aron;
    7. Ħobżna ta' kuljum;
    8. Il-qalb;
    9. Ġużeppi;
    10. Danjel;
    11. David;
    12. Ġesù;

13. Marija;
14. Mastrudaxxa;
15. Tnax;
16. Ġuda l-Iskarjota;
17. Il-Baħar tal-Galilea.

- Aħdem l-Attività AĦSEB U AĦDEM. Din l-attività ssir b'mod individwali u wara jingħataw riflessjonijiet mill-istudenti nfushom lill-bqija tal-klassi fuq dan il-qaddis kbir.

- Enfasizza li San Ġużepp ħadem kemm felaħ biex iżomm il-familja mqaddsa. Tajjeb li minnu nitgħallmu l-importanza li nimpenjaw ruħna biex bil-verità naslu li nwettqu dak li għandna nagħmlu mill-aħjar li nistgħu. Jekk tixtieq taqra aktar dwar San Ġużepp fittex fuq: http://www.newadvent.org/cathen/08504a.htm

- Spiċċa b'talba addatata li tista' ssir mill-istudenti stess.

# Kap 2: Il-Bibbja

## Lezzjoni 2.5 – Kif nużaw il-Bibbja

### Il-*Keywords*

Versi – paġni - *footnotes*

### L-Għanijiet

L-istudenti

- jitgħallmu kif tfittex fil-Bibbja "tal-kbar". Jitgħallmu xi jfissru n-numri li nsibu f'kull paġna tal-Bibbja.

### Ir-Riżorsi

- Stampa pprovduta fuq *il-Ktieb tal-Attivitajiet*
- *Ktieb tal-Attivitajiet 2.5*
- *Il-Bibbja*

### Il-Proċess

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Mill-ġurnata ta' qabel għid lill-istudenti jġibu l-Bibbja magħhom.
- Għin lill-istudenti biex permezz tal-istampa tal-paġna jifhmu u jitgħallmu x'inhu u x'ifissru l-kapi, il-versi, il-*footnotes* u l-paġni. Spjega l-importanza tal-*footnotes* (li jagħtuna spjega aħjar tal-vers indikat).
- Aqsam lill-istudenti fi gruppi.
- Agħti eżempji billi ssib xi versi minn qabel il-lezzjoni biex tispjega aktar fil-konkret il-kunċetti msemmija fuq ħalli jitgħallmu kif ifittxu minnha.
- Aqra s-silta fil-*Ktieb tal-Attivitajiet 2.5*.
- Spjega s-silta u allura tkun qed terġa' tagħmel reviżjoni ta' x'inhuma l-kapi, il-versi, il-paġni u l-*footnotes*. Aqsam l-istudenti fi gruppi biex jaħdmu l-eżerċizzju li għandhom u wara, bħala klassi, jiġi kkoreġut dan l-eżerċizzju biex ikun hemm ċertezza li kulħadd ikun sab l-istess vers kif indikat.
- Aqra u spjega AĦSEB U *AĦDEM* li jista' jsir b'mod individwali u wara l-istudenti jiġu inkoraġġiti jaqsmu mal-bqija ta' sħabhom dak li jkunu ħasbu u kitbu dwaru.
- Agħlaq il-lezzjoni billi tenfasizza l-fatt li l-Bibbja qiegħda hemm biex tgħinna ngħixu aħjar.
- Fisser ukoll permezz tal-versi li jkunu sabu li kull vers jgħinna biex jgħallimna u jurina kif ngħixu aħjar.

# Kap 2: Il-Bibbja

## Lezzjoni 2.6 – Kemm iħobbna Alla!

## Il-*Keywords*

Ittra ta' Mħabba

## L-Għanijiet:

L-istudenti

- jitgħallmu kif il-Bibbja hija Ittra ta' Mħabba għalina mingħand Alla.

## Riżorsi:

- Il-vidjow tad-diska *Give Me Oil in My Lamp;*
- Il-vidjow – *Innocent prayers of Children*;
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.6;*
- *Il-Bibbja*

## Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

- Iġbor lill-istudenti biex jisimgħu u jaraw id-diska *Give Me Oil in My Lamp* (Issib dan il-vidjow fir-riżorsi).
- Stieden lill-istudenti biex jaqsmu ma' sħabhom ir-riflessjonijiet li jkunu ħarġu mid-diska. Irid joħroġ il-fatt li l-Bibbja hija gwida għal ħajjitna, bħalma d-dawl hu gwida għalina kull fjen inkunu.
- Oħroġ ċar il-punt li l-Bibbja hija l-messaġġ t'Alla għalina – hija storja ta' mħabba u li għandna nkunu grati lejn Alla li għoġbu jikkomunika magħna b'dan il-mod.
- Uri l-vidjow *Innocent Prayers of Children* (ara r-riżorsi).
- Aqra mal-istudenti s-silta minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet*.2.6 u spjegaha.
- Aħdem mal-istudenti l-attivitajiet 1 u 2 fi gruppi u wara ssir reviżjoni fuq bażi ta' klassi.
- Attività 3 titħalla biex timtela b'mod individwali u meta titlesta tajjeb li jkun diskuss dak li jkunu ġabu magħhom l-istudenti. Tajjeb li tispjega li Alla jkellimna permezz ta' dawn il-messaġġi tal-kelma tiegħu.
- Aqra AĦSEB U AĦDEM fi gruppi. Wara, fuq bażi ta' klassi, iddiskuti l-punt tal-importanza tal-gratitudni fil-ħajja tagħna u allura kemm hu sew li napprezzaw dawk l-affarijiet li jsiru għalina minn dawk ta' madwarna. Risposti addattati jistgħu jkunu: tapprezza lill-persuna l-oħra, tara kif tagħmel biex taqdiha meta jkun hemm bżonn, tivvinta biex taraha kuntenta.
- Oħroġ ukoll il-fatt li Alla huwa l-akbar benefattur tagħna u allura kemm hu sew li niftakru kemm nistgħu din il-verità biex matul il-ġurnata nirringrazzjaw lil Alla kemm nistgħu. Alla bagħtilna l-akbar rigal - lil Ibnu Ġesù. Lil dan Ġesù li ġie fid-dinja għalina, tajjeb li napprezzaw dak li għamel għalina billi nagħmlu dak li hemm bżonn biex inkunu bilgħaqal u nħobbuh kif ħabbna Hu.
- Agħlaq b'talba addattata dwar din il-gratitudni li tajjeb nuru lejn Alla u wkoll lejn l-oħrajn.

# Kap 2: Il-Bibbja

## Lezzjoni 2.7 – Postijiet u ġrajjiet

## Il-*Keywords*

Postijiet importanti fil-Bibbja

## L-Għanijiet:

L-istudenti

- jsiru jafu dwar xi postijiet importanti fil-Bibbja. Isiru jafu stejjer u avvenimenti li seħħew fihom.

## Ir-Riżorsi:

- Il-links mill-internet;
- Il-vidjow *Israel – God's Chosen Land;*
- *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.7;*
- *Il-Bibbja.*

## Il-Proċess:

Biex tippreżenta din il-lezzjoni:

1. Uża t-taħriġ ta' brainstorming billi tistaqsi lill-istudenti jiftħu Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.7 u jgħidulek xjassoċċjaw ma' kull stampa ta' post fil-Pa;lestina li hemm f'din il-paġna. Tista' tuża l-vidjo *Israel – God's Chosen Land*. Hawnhekk iridu joħorġu l-ħafna ġrajjiet li seħħew fejn jidħol Ġesù. Wara tkellem dwar postijiet marbutin mal-ħajja ta' Ġesù.

2. Agħti ftit informazzjoni li ssib hawn taħt u xi informazzjoni oħra li inti tkun sibt dwar kull stampa.

   - Ġerusalemm: Belt li fiha kien hemm it-Tempju / Il-post fejn Ġesu ġie msejjaħ Sultan u milqugħ bil-weraq tal-Palm.
   - Nażaret: Il-post fejn l-Anġlu Gabrijel ħabbar it-twelid ta' Ġesu lil Marija / Il-post fejn għex Ġesù sa 30 sena.
   - Betlem: Il-post minn fejn kienet ġejja l-familja ta' Ġużeppi / Il-post fejn twieled Ġesù.
   - It-Tempju: Jinsab ġo Ġerusalemm / Ġesù rrabja għax dan il-post għamluh bejta tal-ħallelin.
   - Il-Qabar Vojt: L-uniku qabar vojt fid-dinja, għax il-Mejjet li kien hemm fih, qam.
   - Il-Golgota: Il-post fejn ġie mislub Ġesù.
   - Il-Muntanja Sinaj: Il-post fejn Alla ta l-Kmandamenti lil Mosè.

**Xi links li jistgħijgħinuk huma dawn:**

- **http://jerusalem360.com/**
- **http://www.360tr.com/kudus/kiyamet_eng/index.html**
- **http://www.3disrael.com/jerusalem/church_magdalene2.cfm**
- **http://www.3disrael.com/jerusalem/Church_of_the_Holy_Sepulcher.cfm**
- **http://www.3disrael.com/john_the_baptist_cave/outside.cfm**

- http://www.3disrael.com/jerusalem/Church_of_All_Nations_view.cfm
- http://www.360cities.net/image/egypt-sinai-night-ten-commandments?utm_campaign=london-gigapixel&utm_content=link9&utm_term=full

**3.** Staqsi lill-istudenti biex jirrakkontaw xi stejjer li seħħew f'dawn il-postijiet.

**4.** Spjega l-Attività AĦDEM U AĦSEB. Din tista' tinħadem b'mod individwali, imma jkun interessanti li jsir qsim tal-ideat li jkunu nkitbu. Irid joħroġ il-punt li tajjeb li wara ġurnata ta' ħidma, nkunu kapaċi nieqfu ftit u naħsbu dwar dak li nkunu għaddejna minnu matul il-ġurnata. Dan jgħin biex dak li sar tajjeb, inkomplu nagħmluh u dak inqas tajjeb jew ħażin nirranġawh. U fl-aħħarnett ngħidu grazzi lil Alla ta' dak li nkunu għaddejjna minnu.

**5.** Spiċċa billi tfakkar fil-fatt tal-importanza li għandna nagħti lill-mumenti ta' skiet f'ħajjitna.

**6.** Agħlaq b'talba addattata li ssir mill-istudenti nfushom.

| |
|---|
| **Kap 2: Il-Bibbja** |
| **Lezzjoni 2.8 – Naraw x'tgħallimna** |
| **Il-*Keywords*** |
| Tfal, messaġġ t'Alla għal kulħadd |
| **L-Għanijiet:** |
| L-istudenti<br>1. Jitgħallmu kif il-Bibbja fiha messaġġ għal kulħadd, kemm jekk kbir u kemm jekk żgħir. Jitgħallmu wkoll li kulħadd jista' jwassal il-messaġġ ta' Alla. |
| **Ir-Riżorsi:** |
| ▪ Il-vidjo*: Kids Reciting Bible Verses.*<br>7. Il-vidjo: Jesus Loves Children.<br>▪ *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.8*<br>▪ *Il-Bibbja.* |
| **Il-Proċess:** |
| Biex tippreżenta din il-lezzjoni:<br>8. Ibda billi turi dan il-vidjow: *Kids Reciting Bible Verses*.<br>9. Spjega li l-Bibbja hija miktuba għal kulħadd. Allura, oħroġ il-fatt li anke għat-tfal.<br>10. Wassal il-messaġġ li kulħadd hu msejjaħ biex jagħmel il-ġid u li kulħadd qiegħed fil-pjan ta' Alla. Tista' wkoll turi l-vidjow *Jesus Loves Children.*<br>11. Aqra Attività1 minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.8* u erġa' rreferi għall-valur tal-gratitudni li jkun issemma f'lezzjoni 6 u enfasizza l-gratitudni li Alla wera lejna meta tana l-Bibbja bħala mezz kif insiru nafuh. Tista' tagħmel *brainstorming* bil-kelma "gratitudni". Is-sentenza ta' San Pawl tgħinek tagħmel dan: Filippini 1: 3 – "Ngħid grazzi lil Alla tiegħi kull darba li naħseb fih."<br>12. Fakkar lill-istudenti li hawnhekk San Pawl kien fil-ħabs u xorta qiegħed juri l-gratitudni tiegħu lejn Alla għax induna li kien qiegħed jaħseb fih permezz tan-nies li kienu qegħdin jgħinuh.<br>13. Il-gratitudni hi valur li tajjeb li napprezzaw u nużaw, billi nidraw ngħidu 'grazzi' lil Alla u lil dawk ta' madwarna. Tajjeb li hawnhekk isir *brainstorming exercise* ta' kif għandna nuru l-gratitudni tagħna lejn Alla u lejn l-oħrajn. (Dan ikun diġà sar fil-lezzjoni ta' qabel u allura jservi biss bħala reviżjoni.) |

14. Issir l-attività minn *Il-Ktieb tal-Attivitajiet 2.8* AĦSEB U AĦDEM. Jista' jsir b'mod individwali u wara jsir qsim ta' ideat. Xi esperjenzi jistgħu jkunu dawn:

- Jien **Samwel:**

  L-esperjenza tiegħi: **Tħawwadt ftit, ftakart li hemm min jista' jgħinni, obdejt u għamilt dak li min iħobbni qalli nagħmel, smajt sew u stajt nagħraf x'irid Alla minni li nagħmel.**

- Jien **Bint Ġajru:**

  L-esperjenza tiegħi: **Smajt leħen ta' qawwa kbira, ftaħt għajnejja u rajt wiċċ sabiħ iħares lejja, qabadli jdejja, kien qajjimni tassew.**

15. Enfasizza l-valur tal-komunikazzjoni vera li tisma' sew, li tifhem sew, u allura tagħmel dak li hemm bżonn.